BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**          (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 04/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 22  ta' April 2009 fis-2.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 03/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija.  S.Cuschieri ipproponiet u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument  korrett.  Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/04 -* Tressqet talba minn Mid Med Mini Golf sabiex jingħata l-kunsens tal-Kunsill biex topera mini-golf greens fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiħa.  Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ma qabilx mas-siti li indika l-klijent.  Il-Kamra qablet fuq sit alternattiv sabiex dan il-mini-golf ikun jista' jintrama.  Għandu jiġi indikat is-sit lill-klijent u jekk dan jaqbel il-Kunsill m'għandu l-ebda oġġezzjoni sabiex jintrama l-mini-golf.

*02/04 -* Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 talab laqgħa mal-Kunsill biex jiċċara xi punti dwar ir-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ naħat.  Il-Kamra qablet li sa fejn taf hi m'hemm l-ebda punti x'jiġu iċċarati u r-relazzjoni ta' bejn il-Kunsill u s-Soċjeta' kienet minn dejjem waħda tajba u għalhekk ma laqgħetx it-talba biex issir laqgħa ta' dan it-tip imma minflok għandha tinkiteb ittra biex is-Soċjeta' tindika x'inhuma l-punti li jridu jiġu iċċarati.

*03/04 -* Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Forum Żgħażagħ Laburisti - Birżebbuġa sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tat-tkabbir tal-Malta Freeport.  Il-Kunsill issuġġerixxa li fil-futur qarib ser issir il-laqgħa annwali u l-Forum huma mistiedna jiddiskutu dwar dan mal-Kunsill f'din il-laqgħa.

*04/04* - Rappreżentanta tal-Wasteserv bagħtet *e-mail* sabiex tressaq quddiem il-Kunsill ilmenti li kellha minn residenti ta' Birżebbuġa. L-ilmenti kienu dwar il-ġbir tal-boroż ta' l-iskart il-griżi, fejn dawn qed jinġabru qabel is-suwed b'konsegwenza li ħafna mill-boroż is-suwed qed jiġu mqatta' u l-iskart jixxerred. R.Zahra li huwa l-Kunsillier inkarigat mill-ambjent għandu jara x'wieħed jista' jagħmel sabiex din il-problema tissolva. Il-Kamra qablet.

*05/04* - B.Pace infurmat lill-Kamra dwar it-talba li għamlu l-Alliance Francaise de Malte - Mediterranee, fejn dawn talbu li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jibdew jagħtu korsijiet tal-franċiż liż-żgħażagħ u adulti. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva.

*06/04* - Għal darba oħra l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura qed torganizza il-wirja annwali 'The Great Spring Show'. L-Għaqda qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jesibixxu qoffa irranġata bi ħxejjex ta' l-ikel u frott. R.Zahra offra li jipprovdi din il-qoffa. Il-Kamra qablet li tieħu sehem f'din il-wirja.

*07/04* - Tressqet talba mingħand il-Birżebbuġa St.Peter's F.C. sabiex titħalla tuża art f'Wesgħa Carmelo Caruana għal skopijiet ta' *fund-raising*. Il-Klabb diġa ingħata l-permess tal-MEPA minn Ġunju sa Settembru. Il-Kunsill m'għandu l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

*08/04* - Is-Sur Demanuele u s-Sur Bugeja infurmaw permezz ta' ittra lill-Kunsill li ser jorganizzaw *triathlon* il-Ħadd, 24 ta' Mejju. Huma ħadu l-prekawzjonijiet meħtieġa u qed jistiednu membru tal-Kunsill għal ftuħ tat-tellieqa. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva u J.Baldacchino sejjer jattendi għal ftuħ ta' din it-*triathlon*.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra approvat l-estimi finanzjarji mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv għas-sena kurrenti.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' April '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €38822.47 titħallas skond Skedi nru. 04/09 u 04A/09.

***AĠENDA -5***

1. Il-Kamra qablet li l-laqgħa annwali għandha ssir nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2009 fis-6.30 ta' filgħaxija ġewwa s-Sala tal-Komunita'.

2. Il-Kamra ġiet infurmata li l-Gvern nieda Skema dwar Aċċessibilita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li hemm bżonn li ssir rampa fil-Bajja s-Sabiħa sabiex persuni b'diżabilita' faċilment ikunu jistgħu jaslu sal-bajja. Kulħadd qabel.

3. Is-Sindku spjega kif xi miżuri li hemm fir-Riforma tal-Kunsilli ser ikunu qed jheddu l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali. Huwa saħaq li l-aktar ħaġa li hemm bżonn li ssir f'din ir-Riforma hu li jġegħlu lid-Dipartimenti tal-Gvern jagħtu aktar każ tal-Kunsilli Lokali għaliex ħadd daqs il-Kunsilli ma jaf x'hemm bżonn fil-lokalita'.

4. Ġie ippreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rendikont ta' l-ispejjeż marbuta mal-pubblikazzjoni tal-*magazine* tal-Kunsill. Id-Dħul kien ta' € 976 filwaqt li l-Ħruġ kien ta' € 1477.41. Il-Kamra approvat diskrepanza ta' € 501.41.

5. R.Zahra irrimarka li fi Triq Sant'Anġlu kantuniera ma' Triq Iż-Żurrieq qed isiru ħafna inċidenti tat-traffiku. Il-Kamra ddiskutiet x'jista' jsir sabiex jitnaqqas il-periklu minn din it-triq. Il-Kamra qablet li jintalab permess mill-ADT sabiex Triq Iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq Sant'Anġlu ssir 'No Right Turn', Triq il-31 ta' Marzu ssir 'One Way' fid-direzzjoni lejn Sant'Anġlu u li fi Triq Iż-Żurrieq il-parti ta' bejn Triq it-13 ta' Diċembru u Triq San Tumas isir 'Single Yellow Line' fuq naħa waħda. R.Zahra ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn tiġi iffriskata 'Stop Mark' fi Triq Tal-Papa li tiżbokka fi Triq Iż-Żurrieq.

6. J.Borg informa l-Kamra li żagħżugħ minn Birżebbuġa ġie l-ewwel fl-Universita' ta' Londra. Il-Kamra qablet li għandu jingħata rikonoxximent lil dan iż-żagħżugħ talli għamel unur lil lokalita'.

7. B.Pace ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li l-festa nazzjonali, Sette Giugno, li għaliha l-Kunsill għandu jorganizza ċerimonja kommemorattiva ser taħbat l-għada ta' l-elezzjoni għal Parlament Ewropew u fil-jum tal-preċett tal-Parroċċa. Għaldaqstant il-Kamra qablet li mhux ser issir iċ-ċerimonja kommemorattiva.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2009 fil-5.30pm. .
.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **..............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |